**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 57/2023**

**15 ta' Ġunju 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-06:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |

Il-Viċi Sindku ippresjeda l-laqgħa.

**57.01 Talba**

57.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mill-Viċi-Sindku.

**57.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

57.02.01 Is-S.E. informa li s-Sindku kienet infurmat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies lis-Sindku bħala skużata.

**57.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 56-23 u Laqgħa tal-Lokalita'**

57.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 56-23 kienu ġew iċċirkolati minn qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera D'Amato tipproponi u l-Viċi Sindku jissekonda.

57.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' kienu ġew iċċirkolati minn qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera D'Amato tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

**57.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.04.01 Il-Viċi Sindku nforma li konna ġejna nfurmati mir-Reġjun Nofsinhar li l-Kunsill kien ser jirċievi s-somma ta' € 46,730 sabiex il-Latrina Pubblika ta' Dawret it-Torri tinbidel għal waħda *automated*.

57.04.02 Il-Viċi Sindku nforma li kienu reġgħu twaħħlu l-batteriji mal-*iSmart Benches* tal-*Promenade* u s-*supplier* kien qed jissuġġerixxi li jsiru CCTV sabiex jiġi evitat li jerġa jkun hemm il-vandaliżmu. Is-SE informa li sabiex dan isir, minbarra l-ispejjeż sabiex jinxtraw il-*cameras*, ser ikun hemm spejjez

rikorrenti ta' € 100 fix-xahar sabiex ikun hemm is-servizz tal-*internet*. Huwa qal li s-*supplier* kien qed jissuġġerixxi li l-*panels* li hemm ma kull bank għandhom jintużaw għar-reklamar. Peress li l-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta, kien hemm qbil li għandna nippruvaw inkellmu lill-Onor. M. Dalli sabiex forsi bħala Ministeru jkunu jistgħu joffru xi għajnuna.

57.04.03 Il-Vici Sindku nforma li *Project Green* kienu nfurmawna uffiċċjalment li ma konniex mal-ewwel grupp ta' Kunsilli li bbenefikaw mill-fondi għal proġetti fil-lokalita' iżda kienu qed joffru li jitħawwlu xi siġar ġewwa l-lokalita'. Ġie deċiż li l-Kunsill jipproponi l-*Picnic Area* fi Ġnien is-Serenita' (in-naħa ta' Triq Ħal Luqa), l-*jogging track* u Triq Maria de Domenicis.

57.04.04 Il-Viċi Sindku nforma li s-Sindku kienet irċeviet stedina sabiex tattendi l-*Mayors Forum* ġewwa Suzhou ċ-Ċina f'Ottubru li ġej u li min naħa tagħha kienet interessata li tattendi. Filwaqt li l-Kunsill ma oġġezzjonax għal dan, kien hemm qbil li idealment, id-delegazzjoni tal-Kunsill għandha tkun komposta minn iktar persuni.

57.04.05 Il-Viċi Sindku semma l-*issue* ta' siġra taż-żebbuġ (bgħala) li nqalgħet fl-aħħar jiem. Dwar dan is-suġġett kien hemm diskussjoni bejn dawk preżenti fejn il-Kunsillier Sciberras saħaq li din qatt ma kellha tinqala peress li hija protetta u s-SE jinsisti li l-qlugħ tas-siġra sar wara li l-Kunsill kien kiseb l-awtorizzazzjoni tal-ERA li din is-siġra setgħet tinqala peress li kienet qed tagħmel ħsara lis-sistema tad-drenaġġ tal-ħwienet u ma kienitx protetta. Il-Kunsillier Sciberras ippropona li nitolbu lill-ERA sabiex fiċ-ċirkostanzi titħawwel siġra oħra minnflok dik li nqalgħet. Kien hemm qbil li niktbu lil ERA dwar dan.

57.04.06 Il-Viċi Sindku informa li s-Sindku kienet ġiet avviċinata minn Nanniet Malta sabiex jibdew isiru lezzjonijiet tal-*Line Dancing* għall-anzjani ġewwa l-Ġnien tas-Serenita'. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

57.04.07 Il-Viċi Sindku nforma li l-*Basketball Court* kien tlesta u seta' jibda jintuża. Kien hemm qbil li kemm il-*Basketball Court* kif ukoll il-*Ground 5-A-Side* jibdew jiftħu kuljum bejn it-Tnejn il-Ħadd, is-sena kollha, bejn it-08:00 u 12:00 u bejn l-16:00 u d-21:00. Ġie approvat ukoll li jsiru lezzjonijiet tal-basketball għat-tfal kull nhar ta' Sibt u li filwaqt li ma jkunx hemm ħlas għat-tfal, il-Kunsill ihallas € 20 għal kull sessjoni.

57.04.08 Il-Viċi Sindku nforma li s-Sindku kienet tkellmet mal-Awtorità tad-Djar dwar il-possibilità li l-Kunsill japplika għall-arja tal-post fejn illum hemm il-binja tal-Kummissarju tat-Tfal sabiex isiru l-uffiċini tal-Kunsill. Dwar dan is-suġġett saret diskussjoni fejn il-Viċi Sindku wera n-nuqqas ta' qbil tiegħu għal din il-proposta.

57.04.09 Il-Viċi Sindku nforma li konna ġejna avviċinati mill-organizzaturi tat-*Trade Fair* li ssir Ta' Qali sabiex f'ġurnata partikolari, jiġi pprovdut trasport lejn u minn Ta' Qali għar-residenti ta' Santa Lucija. Il-Kunsill approva din il-proposta.

57.04.10 Il-Viċi Sindku nforma li r-Regjun Nofsinhar, wara ftehim li kien sar bejn l-AKL u l-LESA/Pulizija u *Civil Protection*, kien qed jalloka s-somma ta' € 700 għal kull Kunsill fir-Reġjun għal meta jiġi bżonn is-servizz tal-LESA, Pulizija jew *Civil Protection*

***Fuq proposta tal-Kunsilliera D'Amato w is-sekondata mill-Kunsillier Sciberras, kien hemm qbil unanimu li minħabba r-riskju li nispiċċaw mingħajr quorum, Items 07 u 10 jiġu diskussi qabel item 5.***

**57.07 Jum Santa Luċija 2023**

57.08.01 Bi qbil bejn il-membri preżenti, l-mikrofonu intefa sabiex jiġu diskussi n-nominazzjonijiet għal Ġieħ Santa Lucija 2023. Il-ħames nomini li kienu ippreżentati lill-Kunsill ġew approvati unanimament.

**57.08 PA/06394/21 – Żvilupp propost minn Santa Luċija FC**

57.05.01 Saret diskussjoni qasira dwar is-suġġett fejn ġie ssuġġerit li r-residenti għandhom jiġu nfurmati li ser ikun ser isir *survey* dwar dan il-proġett. Is-SE informa li huwa kien ser jagħmel avviż fuq *FaceBook* kif ukoll tintbagħat *email* lil dawk ir-residenti li huma rreġistrati mal-Kunsill però minħabba limitazzjoni ta' ħin mhux possibbli li titqassam ittra f'kull residenza jew li r-residenti jiġu mistiedna jiġu l-Kunsill għal aktar dettalji.

**57.05 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

57.05.01 Minħabba nuqqas ta' *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**57.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xoghlijiet**

57.06.01 Minħabba nuqqas ta' *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**57.09 Rapport Finanzjarju – l-Ewwel Kwart Jannar / Marzu 2023**

57.09.01 Minħabba nuqqas ta' *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**57.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 57/23**

57.10.01 L-iskeda ta' Pagamenti 57/23 ġiet approvata unanimament.

**57.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

57.11.01 Fit-8:08 pm, minħabba nuqqas ta' *quorum*, ġie unanimament deċiż li l-laqgħa għandha titkompla nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2023 fil-5:30 pm

**Konfermati illum il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023.**

**Charmaine St John**
**Sindku**

**Fabian Mizzi**
**Segretarju Eżekuttiv**